32000D0049

25.1.2000 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 19/46

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-6 ta' Diċembru 1999
li tabroga d-Deċiżjoni Nru 1999/356/KE u timponi kondizzjonijiet speċjali fuq l-importazzjoni ta' karawett u ta' ċerti prodotti li ġejjin mill-karawett li joriġinaw jew jiġu kkonsinnati mill-Eġittu

(notifikata taħt id-dokument numru K(1999) 4232)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2000/49/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 93/43/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 dwar l-iġjene ta' oġġetti ta' l-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Wara li kkonsultat l-Istati Membri,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/356/KE tat-28 ta' Mejju 1999 dwar is-sospensjoni temporanja ta' l-importazzjoni ta' karawett u ta' ċerti prodotti li ġejjin mill-karawett li joriġinaw minn, jew jiġu kkonsinnati mill-Eġittu [2] tapplika sa l-1 ta' Diċembru 1999 u għandha tiġi mħassra;

(2) Karawett li joriġina jew jiġi kkonsinnat mill-Eġittu instab ikkontaminat b'livelli għoljin ta' Aflatoksin B1. It-teħid ta' kampjuni wera kontaminazzjoni ta' aflatoksin serja u rikorrenti ta' karawett li joriġina jew jiġi kkonsinnat mill-Eġittu;

(3) Il-Kumitat Xjentifiku għall-Ikel innota li l-aflatoksini, b'mod partikolari Aflatoksin B1, huma sustanzi karċinoġeni u saħansitra f'doži żgħar, jikkawżaw kanċer tal-fwied u barra dan huma ġenotossiċi;

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1525/98 [3] li jemenda r-Regolament (KE) Nru 194/97 jiffissa livelli massimi għal ċerti sustanzi li jikkontaminaw u b'mod partikolari għall-aflatoksini f'oġġetti ta' l-ikel. Dawn il-limiti ġew maqbuża b'ammont eċċessiv fil-kampjuni ta' karawett li joriġina jew jiġi kkonsinnat mill-Eġittu. Il-limiti għall-Aflatoksin B1 f'ġewż midħun maħsub għall-konsum dirett, u għal dak li jista' jkun magħżul jew suġġett għal aktar ipproċessar, huma ffissati f'dan ir-Regolament sa tnejn u tmien partijiet kull biljun (ppb) rispettivament. Kontaminazzjoni ta' Aflatoksin B1 f'livelli għoljin sa 485 ppb ġew skoperti fil-karawett mill-Eġittu;

(5) L-Eġittu huwa esportatur ewlieni ta' karawett lill-Komunità u l-esposizzjoni tal-popolazzjoni għal karawett jew prodotti magħmulin mill-karawett ikkontaminati bl-aflatoksin tikkostitwixxi theddida serja għas-saħħa pubblika fil-Komunità;

(6) Eżaminazzjoni tal-kondizzjonijiet ta' l-iġjene li saret fl-Eġittu wriet il-ħtieġa ta' titjib fil-prattika ta' l-iġjene u fit-traċċabilità tal-karawett. Impenji ġew irċevuti mill-awtoritajiet Eġizzjani b'mod partikolari f'konnessjoni ma' titjib fil-prattiċi tal-produzzjoni, l-immaniġġjar, l-għażla, l-ipproċessar, l-ippakkjar u t-trasport. Huwa għalhekk xieraq li l-karawett jew prodotti li ġejjin mill-karawett li joriġina jew jiġi kkonsinnat mill-Eġittu jiġu suġġetti għal kondizzjonijiet speċjali biex jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni lis-saħħa pubblika;

(7) Huwa neċessarju li l-karawett u prodotti li ġejjin mill-karawett jiġu prodotti, immaniġġjati, magħżula, ipproċessati, ippakkjati u trasportati skond prattiċi iġjeniċi tajbin. Huwa neċessarju li jiġu stabbiliti l-livelli ta' Aflatoksin B1 u ta' aflatoksin totali f'kampjuni meħudin mill-kunsinna immedjatament qabel din titlaq mill-Eġittu;

(8) Huwa neċessarju li l-awtoritajiet Eġizzjani jipprovdu prova dokumentata ma' kull kunsinna karawett li joriġina jew jiġi kkonsinnat mill-Eġittu, li għandha x'taqsam mal-kondizzjonijiet ta' produzzjoni, għażla, immaniġġjar, ipproċessar, ippakkjar u trasport u r-riżultati ta' analiżi tal-laboratorju tal-kunsinna għal livelli ta' Aflatoksin B1 u ta' aflatoksin totali;

(9) Huwa neċessarju li ħafna karawett li joriġina jew jiġi kkonsinnat mill-Eġittu jiġi mressaq b'mod sistematiku għal analiżi fil-port tad-dħul fil-Komunità, biex jiġu stabbiliti l-livelli ta' kontaminazzjoni tal-karawett bl-Aflatoksin B1 u bl-aflatoksin totali,

[1] ĠU L 175, 19.07.93, p. 1.
[2] ĠU L 139, 02.06.99, p. 32.
[3] ĠU L 201, 17.07.98, p. 4.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri jistgħu jimportaw:

— karawett li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1202 10 90 fil-qoxra jew 1202 20 00 mingħajr qoxra, kemm miksura jew le jew

— karawett inkaljat li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2008 11 92 (f'pakketti immedjati ta' kontenut nett li jaqbeż 1 kg) jew 2008 11 96 (li ma jaqbiżx 1 kg)

li joriġina jew jiġi kkonsinnat mill-Eġittu u li hu maħsub għall-konsum mill-bniedem jew biex jiġi użat bħala ingredjent f'oġġetti ta' l-ikel, iżda kull kunsinna għandu jkollha magħha r-riżultati ta' kampjuni u analiżi uffiċjali, u ċ-ċertifikat tas-saħħa fl-Anness I, iffirmat u vverifikat minn rappreżentant tal-Ministeru Eġizzjan ta' l-Agrikoltura.

2. Il-Kunsinni jistgħu jiġu impurtati fil-Komunità biss minn wieħed mill-punti tad-dħul elenkati fl-Anness II.

3. Kull kunsinna għandha tiġi identifikata b'kodiċi li jikkorrispondi mal-kodiċi fuq ir-riżultati tal-kampjuni u ta' l-analiżi uffiċjali u ċ-ċertifikat tas-saħħa imsemmijin fil-paragrafu 1.

4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu kontrolli tad-dokumenti biex jiggarantixxu li l-kondizzjonijiet meħtieġa għal ċertifikat tas-saħħa u r-riżultati tal-kampjuni imsemmijin fil-paragrafu 1 jiġu mħarsa.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu kampjuni u jagħmlu analiżi tal-kunsinni b'mod sistematiku għal Aflatoksin B1 u għal aflatoksin totali qabel dawn joħorġu fis-suq mill-port tad-dħul fil-Komunità, u għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' dawn l-analiżi.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni preżenti għandha tiġi reveduta qabel it-30 ta' Novembru 2000, biex issir stima ta' jekk il-kondizzjonijiet speċjali imsemmijin fl-Artikolu 1 jipprovdux livell ta' protezzjoni suffiċjenti għas-saħħa pubblika fil-Komunità. Ir-reviżjoni għandha wkoll tistima jekk hemmx bżonn kontinwu tal-kondizzjonijiet speċjali.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tabroga d-Deċiżjoni 1999/356/KE.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji dwar l-importazzjoni biex iħarsu din id-Deċiżjoni. Għandhom jgħarrfu bihom lill-Kummissjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS 1

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA
Għall-importazzjoni fil-Komunità Ewropea ta' karawett u ta' ċerti prodotti li ġejjin mill-karawett li joriġina jew jiġi kkonsinnat mill-Eġittu

Kodiċi tal-kunsinna ..... Nru taċ-Ċertifikat .....

Skond id-disposizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/49/KE li timponi kondizzjonijiet speċjali fuq l-importazzjoni ta' karawett li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1202 10 90 (fil-qoxra) jew 1202 20 00 u prodotti li ġejjin mill-karawett li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2008 11 92 (f'pakketti immedjati ta' kontenut nett li jaqbeż 1 kg) u 2008 11 96 (li ma jaqbiżx 1 kg) li joriġina jew jiġi kkonsinnat mill-Eġittu

Il-Ministru ta' l-Agrikoltura

JIĊĊERTIFIKA:

li l-karawett ta' din il-kunsinna, numru tal-kodiċi ..... (daħħal in-numru tal-kodiċi tal-kunsinna)

li jikkonsisti fi: .....

.....

.....

.....

(deskrizzjoni tal-kunsinna, tal-prodott, in-numru u t-tip ta' pakketti, piż gross jew nett)

imbarkat minn .....
(post ta' imbarkazzjoni)

minn .....
(identifikazzjoni tat-trasportatur)

sejjer lejn .....
(post u pajjiż tad-destinazzjoni)

li jiġi mill-istabbiliment .....

.....

.....
(isem u indirizz ta' l-istabbiliment)

ġew prodotti, magħżulin, immaniġġjati, ipproċessati, ippakkjati u trasportati skond prattiċi ta' iġjene tajbin.

Minn din il-kunsinna ..... (numru ta' kampjuni) kampjuni ta' karawett ġew meħudin fi ..... (data), analizzati fil-laboratorju fi ..... (data) fi ..... (isem il-laboratorju) biex jiġi determinat il-livell ta' Aflatoksin B1 u l-livell ta' kontaminazzjoni ta' l-aflatoksin totali, u d-dettalji tal-kampjuni, il-metodi ta' analiżi li ġew użati u r-riżultati kollha huma mehmużin.

Magħmul fi ..... il- .....

Timbru u firma ta'
Rappreżentant tal-Ministeru
ta' l-Agrikoltura ta' l-Eġittu

ANNESS II

Lista ta' punti tad-dħul li minnhom karawett u prodotti li ġejjin mill-karawett li joriġinaw jew jiġu kkonsinnati mill-Eġittu jistgħu jiġu impurtati fil-Komunità Ewropea

L-Istat Membru	Punt tad-dħul
Il-Belġju	Anvers-Antwerpen
Id-Danimarka	Kull port u ajruport Daniż u kull stazzjon fuq il-fruntiera
Il-Ġermanja	HZA Lörrach-ZA Weil am Rhein-Autobahn, HZA Stuttgart-ZA Flughafen, HZA München-Flughafen, HZA Hof-ZA Schirnding, HZA Weiden-ZA Furth i. Wald-Schafberg, HZA Weiden-ZA Furth i. Wald-Schafberg, HZA Weiden-ZA Waidhaus-Autobahn, Bezirksamt Reinickendorf von Berlin, Abteilung Finanzen, Wirtschaft und Kultur, Veterinär-und Lebensmittelaufsichtsamt, Grenzkontrollstelle, HZA Frankfurt (Oder) ZA Autobahn, HZA Cottbus-ZA Forst-Autobahn, HZA Bremen-ZA Neustädter Hafen, HZA Bremerhaven-ZA, HZA Bremerhaven-ZA Rotersand, HZA Hamburg-Freihafen-Abfertigungsstelle, HZA Hamburg-Freihafen-ZA Ericus-Abfertigungsstelle Südbahnhof, HZA Hamburg-Freihafen-ZA Köhlfleetdamm, HZA Hamburg-ST Annen-ZA Altona, HZA Hamburg-Waltershof-Abfertigungstelle, HZA Hamburg-Waltershof-ZA Flughafen, HZA Frankfurt-am-Main-Flughafen, HZA Braunschweig-Abfertigungsstelle, HZA Hannover-Abfertigungsstelle, HZA Lüneburg-ZA Stade, Stadtverwaltung Dresden, Lebensmittelüberwachungs-und Veterinäramt, Grenzkontrollstelle Dresden-Friedrichstadt (für Bahntransport), Landratsamt Weisseritzkreis, Lebensmittelsüberwachungs-und Veterinäramt, Grenz-kontrollstelle (für Straßentransport), Landratsamt Niederschlesischer Oberlausitzkreis Lebensmittelüberwachungs-und Veterinäramt, Grenzkontrollstelle Ludwigsdorf (für Stra-ßentransport), HZA Itzehoe-ZA Pinneberg, HZA Trier-ZA Idar-Oberstein, HZA Oldenburg-ZA Wilhelmshaven
Il-Greċja	Athina, Pireas, Elefsis, Thessaloniki, Volos, Patra, Iraklion of Krete, Airport of Krete, Euzoni, Idomeni, Ormenio, Kipi, Kakavia, Niki, Promahonas, Pithio, Igoumenitsa, Kristalopigi
Spanja	Algeciras (port), Alicante (ajruport, port), Almería (ajruport, port), Barcelona (ajruport, port), Bilbao (ajruport, port), Cádiz (port), Cartagena (port), Gijón (ajruport, port), Huelva (port), A Coruña-Santiago de Compostela (ajruport, port), Las Palmas de Gran Canaria (ajruport, port), Madrid-Barajas (ajruport), Málaga (ajruport, port), Palma de Mallorca (ajruport), Pasajes-Irún (ajruport, port), Santa Cruz de Tenerife (ajruport, port), Santander (ajruport, port), Sevilla (ajruport, port), Tarragona (port), Valencia (ajruport, port), Vigo-Villa-gareia (ajruport), Marín (port), Vitoria (ajruport), Zaragoza (ajruport)
Franza	Marseille (Bouches-du-Rhône) Le Havre (Seine-Maritime)
L-Irlanda	Kull port, ajruport u stazzjon fuq il-fruntiera
L-Italja	Ufficio Sanità marittima ed aerea di Ancona Ufficio Sanità marittima ed aerea di Bari Ufficio Sanità marittima ed aerea di Genova Ufficio Sanità marittima di Livorno Ufficio Sanità marittima ed aerea di Napoli Ufficio Sanità marittima di Ravenna Ufficio Sanità marittima di Salerno Ufficio Sanità marittima ed aerea di Trieste

L-Istat Membru	Punt tad-dhul
Il-Lussemburgu	Centre douanier, croix de Gasperich, Lussemburgu
L-Olanda	Rotterdam
L-Awstrija	Nickelsdorf, Spielfeld
Il-Portugall	Lisbona
Suomi-il-Finlandja	Helsinki
L-Isvezja	Göteborg
Ir-Renju Unit	Channel Tunnel Terminal, Dover, Felixtowe, Gatwick Airport, Goole, Grangemouth, Harwich, Heathrow Airport, Heysham, Hull, Immingham, Ipswich, King's Lynn, Leith, Liverpool, London (including Tilbury and Thamesport), Manchester Airport, Manchester Container Port, Manchester including Ellesmere Port, Middlesborough, Newhaven, Poole, Shoreham, Southampton.